# Il-Ħadd 01.04.2018

1. Illum 01/04, **l-Għid il-Kbir**:
   - F'ismi, f'isem is-saċerdoti li qed jgħinnu fil-parroċċa, u f'isem il-Kunsill Pastorali Parrokkjali nagħtikom l-**Għid it-Tajjeb**, u nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod kienu involuti fl-organizzazzjoni ta' dawn il-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid, li jirrikjedu ħafna xogħol mill-qalb u b'mod volontarju. Wasslu l-awgurju tagħna lill-familjari u l-qraba kollha.
   - Il-ħin tal-Quddies ikun:-
     - Fis-6:45am - Quddiesa
     - Fit-8:15am - Quddiesa bis-sehem tat-tfal li fiha jsir it-Tberik tal-Figolli.
     - Fid-9:00am - Wara jsir it-Tberik tal-Każin San Pawl, u tal-Każin PN.
     - Fl-10:00am - Quddies<br>Wara jsir it-Tberik tal-Każin PL, Kunsill Lokali,<br>u l-Kunvent tas-Sorijiet.
     - Fis-6:00pm - Quddiesa bit-Talba tal-Għasar.

2. Il-Ġimgħa 06/04, l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar:-
   - Fis-5:45pm - Konfessur għall-Qrar.
   - Wara l-Quddiesa tas-6:30pm ikollna nofs siegħa Adorazzjoni.

3. Is-Sibt 07/04:
   - Fid-9:15am, fil-Konkatidral ta' San Ġwann Valletta, ser issir ċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna, li matulha ser jiġu ordnati 9 saċerdoti, 7 minnhom patrijiet. Nifirħulhom u nitolbu għalihom.

4. Il-Ħadd 08/04, **it-Tieni Ħadd tal-Għid - Ħadd il-Ħniena Divina**:
   - Fil-5:00pm - Adorazzjoni; u
   - Fis-6:00pm - Quddiesa.

5. Mit-Tnejn 09/04 jibda it-Tberik fil-Familji. Segwu il-programm fuq il-fuljett 'Flimkien':

6. Avviżi mill-Kunsill Lokali:
   - Il-Ħadd 08/04, mill-10:00am 'il quddiem, il-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni mal-*barmen* tal-Każini tal-lokal qed jorganizzaw *The Ħal Safi Car Show* b'risq *Puttinu Cares*, f'Misraħ il-Knisja, u Triq iż-Żurrieq. Kulħadd mistieden. Ikun apprezzat li fit-toroq imsemmija, li ser ikunu magħluqa għat-traffiku, ma jkunx hemm vetturi pparkjati bejn is-7:00am u s-1:00pm.
   - Min jixtieq jinnomina xi persuna għal *Premju Onorificenza 2018* jista' jagħmel dan billi jimla formola apposta u jikteb profil. Dawn għandhom jaslu l-Kunsill Lokali ssiġġillati f'envelope sa' mhux aktar tard mill-Ħamis 5/04 f'nofsinhar.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 20 bħala donazzjonijiet għall-fjuri tas-Sepulkru.
   - € 110 mill-Karus ta' Mħabba li ġie pprezentat mit-Tfal tad-Duttrina. Grazzi.